MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 333/2008/1

**Sandro Vassallo**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku; Stephen Mifsud; Maria Mifsud u
Jesmond Vassallo li b'digriet ta' l-4 ta' Settembru 2008 gie mahtur kuratur ad litem sabiex jirraprezenta lill-minuri Francesco Mifsud u b'digriet tal-15 ta' Ottubru 2009 gie revokat id-digriet
tal-4 ta' Settembru 2009 u gew nominati
l-kuraturi deputati Dr Martin Fenech u
l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar
sabiex jirraprezentaw l-istess minuri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors gurmentat tal-atturipprezentat fis-7 ta' Awwissu 2008 li jaqra hekk:
"Illi l-konvenuti Stephen Mifsud u Maria Mifsud huma mizzewgin filwaqt illi l-minuri Francesco Mifsud twieled nhar is-17 ta' Settembru 2007;

"Illi minkejja illi fic-certifikat tat-twelid relattiv gie dikjarat illi missier it-tarbija kien il-konvenut Stephen Mifsud, fil-verita' il-minuri Francesco Mifsud gie koncepit minn relazzjoni extra-maritali illi konvenuta Maria Mifsud kellha ma' l-attur ghal diversi xhur fl-2007;
"Illi l-attur ghandu interess illi tigi dikjarata il-paternita reali tal-minuri Francesco Mifsud;

"Illi huwa anke fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi stabbilita il- paternita reali ta' l-istess minuri;

"Illi l-paternita' tal-minuri Francesco Mifsud tista' tigi determinata u ippruvata permezz ta' provi genetici;

"Ghaldaqstant jghidu ghalhekk il-konvenuti, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandiex:

"1. Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta' esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, illi l-missier naturali tal-minuri Francesco Mifsud huwa l-attur u mhux il-konvenut Stephen Mifsud;

"2. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri Francesco Mifsud billi jigu kkancellati, minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tal-konvenut Stephen Mifsud, u l-istess jigu sostitwiti bid-dettalji tal-missier naturali, u senjatament id-dettalji ta' l-attur;

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ssottometta
“1. Illi preliminarjament l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu, jehtieg li l-kliem "the said" jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' omm it-tarbija. Inoltre, jekk it-talbiet jintlaqghu jehtieg li l-kunjom tal-minuri jigi korrett fuq l-Att tat- Twelid.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu, ir-rikorrent ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, sabiex dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

“4. Illi l-interessi tal-minuri ghandhom ikunu rapprezentati minn kuraturi deputati stante li jista' jkun hemm kunflitt ta' interess peress li l-kuratur Jesmond Vassallo f'dan l-istadju ma jidhirx li ghandu xi ness legali mal-minuri.

“5. Illi jehtieg li r-rikorrent jipprova l-impossibilita fizika bejn il-konjugi u cioe` bejn l-intimati Stephen u Maria Mifsud.

“6. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

“7. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat- Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

“8. Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat ir-risposta guramentata ta’ Jesmond Vassallo illi gie nominat kuratur tal-minuri li permezz taghha ssottometta li "1. Preliminjarment huwa qed jaghti ruhu notifikat bir-rikors guramentat tar-rikorrenti.

"2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha u dana ghas-segwenti ragunijiet:

"a. ir-rikorrenti attur huwa hija u jiena naf personalment li kienu ilhom flimkien sena u nofs qabel twieled it-tifel u dana nafu ghax kien jghidli hija.

"b. Anke meta harget tqila l-intimata Maria Mifsud hija Sandro Vassallo kien qalli li Maria harget tqila u li t-tarbija kienet tieghi (recte: tieghu).

"c. Jiena flimkien gieli rajthom fosthom darba minnhom l-gnien ta' H'Attard faccata tal-ambaxxata Amerika u kellimtha xi darbtejn bit-telephone meta kont ninzerta mmur nara lil ommu u Maria Mifsud kienet tkun fuq it-telephone ma hija li jghix ma’ ommi u hija kien jghaddili t-telephone biex nghidilha hello.

"d. Jiena naf li hija kien anke mar l-isptar meta twieled it-tifel u naf li anke haditu ghand ommi biex ommi, u ohti u kuginti jaraw it-tarbija.

"e. Il-problemi bdew meta r-ragel taghha sar jafu hi kkonfermatlu u dan gara meta t-tifel kien ghad kellu tlett xhur.

"f. Jiena hija kien jghidli u nafli anke ghamlu xi xahrejn jiltaqghu izda imbaghad rega qabadha r-ragel u llum mhux ihallu lil hija jara it-tifel.

"g Naf li hija kien ha swab tat-tifel u ghamel dna test ghand Dr Christopher Farrugia r-Rabat u rrizulta verament li t-tifel hu tieghu. Dan hija ghamlu mhux ghax kellu xi suspett izda biex ikun cert qabel jibda l-kawza.

“h Huwa ghall-gid tat-tifel li jigi stabilit li l-missier veru huwa hija u cioe` Sandro Vassallo u mhux Stephen Mifsud.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti konjugi Mifsud illi permezz taghha issottomettew

1. “Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qabel xejn l-attur irid jindika ai termini ta' liema artikolu tal-ligi hu qed jaghmel it-talba odjerna sabiex il-konvenuti ikunu f posizzjoni li jaghmlu id-difiza taghhom. Jekk ma hemm ebda artikolu li tahtu qed issir din il-kawza allura il-kawza hija nulla.

2. “Illi l-attur ma jistax fil-kaz odjern jitlob ghal ezamijiet medici anke ghaliex tali ezamijiet fic-cirkostanzi ma humiex ammessi mil-ligi. Illi dan ifisser skont is-sentenza "Malika Cachia Ejjebili et v. Ahmed Kamel El Din et" (p A.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skont il-provedimenti tal-Artikolu 82 tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa biss jekk ikun hemm "nuqqas ta' att ta' twelid jew tal-pussess ta' stat (u dan skont kif definit fl-Artikolu 80 tal-Kap 16) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, li il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skont il-ligi".

3. “It-talbiet attrici kif imqeghda iledu id-drittijiet fundamental tal-familja tal-konvenuti kif protetti mill-Kostituzzjoni cioe’ id-dritt ghar-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu, skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 32 (c) tal- istess kostituzzjoni u artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319.

4. “Illi il-kura u kustodja tal-minuri hija fdata f’idejn il-genituri tieghu - ma jistax ghalhekk Jesmond Vassallo li jigi hu l-attur ikun il-kuratur ad litem li jirraprezenta il-minuri Francesco Mifsud.

5. “Illi il-Kod Civ jindika l-uniku kaz meta terzi jistghu jattakkaw il-paternita' ta' missier: Art 77 jghid :

"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".

“L-attur jista biss jibbaza il-kawza tieghu fuq dan l-Artikolu. Din il-kontingenza zgur ma tapplikax ghal kaz odjern.

6. “Illi bla pregudizzju ghal premess il-konjugi Mifsud dejjem ikkoabitaw flimkien kif ghadhom jaghmlu sa llum sa wara it-twelid ta' Francesco Mifsud.

7. “Illi bejn it-tlett mitt gumata u l-mija u tmenin gumata qabel it-twelid tal-minuri Francesco Mifsud, il-missier Steve Mifsud ma kienx f’impossibbilita fizika li jikkoabita mal-mara tieghu ghax dawn kienu qed jghixu bhala mizzewgin flimkien.

8. “Illi c-citazzjoni odjema hija improponibbli legalment stante li l-ebda persuna ma jista' jiddisturba l-istat legittimu ta' tarbija mwielda matul iz-zwieg u dan kif jiddisponi l-artikolu 81 tal-Kodici Civili oltre l-fatt li dan it-tentattiv imur kontra l-buon ordni tal-familja. L-Art 81 ukoll huwa car u inekwivoku :

"(1) Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.

“(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattaka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma l-att tat-twelid tieghu".

9. “Illi l-artikolu 67 tal-Kap 16, (li jikkorispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li: - "L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".

“Fil-fatt din l-azzjoni ittenta mill-attur hija wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata il-legittimita' ta' l-ulied. Skont il-ligi taghna il-Iegittimita' ta'

wild tista tigi attakata jekk taqa taht wiehed minn dawn it-tlatt kazijiet :

“(i). Dik taht l-Art 70 (denegata paternita' li trid issir fiz-zmien indikat fl-Art 73) li hija intiza biss biex tistabilixxi li ir-ragel tal-omm fil-fatt mhuwiex missier il-wild.

“(ii). Dik moghtija lill-wild taht l-Art 84; liema azzjoni trid issir fil-parametri tal-Art 82 sa 85. A propositu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza "Antonio Scerri Gauci v. Dottor Giovanni Scicluna nomine et" (AC. 14 ta' Jannar 1952 li:- "Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.

"It-Tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtieh l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponielu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti filli huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fisika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza". "Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fisika ma tirrizultalax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu". It-tielet azzjoni

“(iii). hi dik kontemplata fl-Art 76 u 77 tal-Kodici - li hi l-unika wahda miftuha lill-attur . Pero' l-azzjoni a bazi tal-artikolu 77 hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-artikolu 81 li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma tali att.

10. “Illi intant il-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skont l-artikolu 80 "stabilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi il-familja tieghu. L-ewlenin fost dawn il- fatti huma:-

“(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;
“(b) illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;
“(c) illi t-tifel gie dejjem maghrufbhala tali min-nies;
“(d) illi huwa ikun maghrufbhala tali mill-familja".

“Illi dan ifisser skont is-sentenza "Malika Cachia Ejjebili et v. Ahmed Kamel El Din et" (P A.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skont il-provedimenti tal-Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa biss jekk ikun hemm "nuqqas ta' att ta' twelid jew tal-pussess ta' stat (u dan skont kif definit fl-Artikolu 80 tal-Kap 16) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, li il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skont il-ligi".

11. “Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, hadd ma jista' jattaka dan l-istat a bazi tal-artikolu 77 anke jekk tigi ippruvata l-impossibilita' fizika indikata fl-istess artikolu. Dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi "Concetta Conti nomine v. Angelo Camilleri" (Vol.XXXII.ii.309) u "F Zammit v. Anthony Rapa et" (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:- "Illi dan ifisser illi skont il-provedimenti tal-artikolu 82 tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid jew ta' pussess ta' stat (u dan skont kif definit fl-artikolu 80 tal-Kap 16) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skont il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".

12. “Illi Maria Mifsud izzewwget fil-21 ta' Mejju 1994 kif jindika ic-certifikat taz- zwieg anness bhala Dok A. Minn dan iz-zwieg fis-17 ta' Settembru 2007 l-esponenti kellhom tarbija li jisimha Francesco Mifsud - Dok B huwa ic-certifikat tat-twelid ta' din it-tarbija. Qabel din it-tarbija l-esponenti kellhom fiz-zwieg taghhom zewg trabi ohra Sarah Marie u Nicole Dok B1 u B2. Francesco

twieled fiz-zwieg u dejjem kien meqjus bhala il-wild tal-esponenti. Illi tul it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, l-esponenti kellhom x'jaqsmu sesswalment flimkien ghal diversi drabi - huma kienu jghixu flimkien taht l-istess saqaf Illi minn dan iz-zwieg li hu wiehed tajjeb l-esponenti kellhom tfal ohra kif jirrizulta mic-certifikati hawn annessi. It-tifel Francesco kien u ghadu maghruf generalment minn nies bhala iben il-konvenut Steve Mifsud. Ara Dokumenti medici tal-isptar li qed jigu markati bhala Dok Cl sa C4. Dok D huwa kuntratt li jirrigwarda l-istem cells - ukoll jindika lill-konvenut bhala il-missier. Mhux hekk biss, izda jirrizulta wkoll li anke wara it-twelid tieghu l-istess minuri kien dejjem meqjus bhala iben l-istess Steve Mifsud u bhala tali kien hekk accettat mill-familjari tal-istess konjugi. Dok E hija l-assikurazzjoni li saret ghall-minuri u li tindika lill-konvenut bhala il-missier; Francesco huwa inkluz bhala parti mill-familja kollha. Dok F hija prova ta' safra li il-familja kollha inkluz il-minuri ghamlet flimkien bhala familja. Dokument G huwa ic-certifikat tal-Maghmudija li jindika lill-konvenut bhala l-missier tal-minuri. Intant ukoll Steve Mifsud a kuntrarju tal-attur dejjem mantna lil ibnu. L-attur la qatt hallas xejn u la qatt offra xejn ghal minuri. Minn dan kollu jirrizulta li mhux biss it-tifel ghandu stat ta' legittimu fic-certifikat tat-twelid tieghu izda wkoll kien dejjem maghruf bhala iben l-istess konvenut Steve Mifsud kif jidher mid-diversi dokumenti esebiti, tant li mic-certifikati anke tal-maghmudija, tal-isptar, tal-assikurazzjoni dejjem gab bhala il-kunjom tieghu dak tal-istess konvenut, li ittrattah bhala ibnu u haseb ghall-manteniment tieghu, u hekk huwa maghruf mal-familja tieghu, u ghalhekk l-istess minuri ghandu ukoll il-pussess kontinwu ta' l-istat ta' iben legittimu. Referenza ampja issir ghal kawza importanti deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Kawza Numru: 33 Citazzjoni Numru: 1841/98/RCP fl-ismijiet Stephen Healey v. 1. Clyde Farrugia Veil a et.

13. “Illi fl-ahharnett dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi u l-principji fuq enuncjati huma in konformita' mad-dritt fundamentali protett fil-Kostituzzjoni ghar-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu, skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 32 (c) tal-istess, u artikolu 8 tal-Ewwel Skeda

tal-Kap 319, u tali limitazzjonijiet fl-azzjonijiet proponibbli sabiex tigi attakkata l-legittimita' tal-persuna huma fil-fatt protetti a bazi tas-subartikolu (2) tal-artikolu 8 stante li l-istess saru skont il-ligi u huma mehtiega f socjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' pubblika ghall-protezzjoni tal-morali u ghall protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor, f dan il-kaz l-interess tal-familja, tenut kont tar-rabtiet li jezistu bejn l-istess minuri u l-konjugi Mifsud u ghall-interess suprem tal-istess minuri. Is-sentenza fl-ismijiet "Pierre Travers Tauss v. Direttur tar-Registru Pubbliku" (P.A. F.G. C. lata' Mejju 1996) tikkonferma l-istess stante li l-kuncett ta' family tie hemm indikat fl-istess sentenza li jinkludi mhux biss relazzjonijiet naxxenti minn zwieg izda dak li gie deskritt bhala relazzjonijiet bejn partijiet li jghixu flimkien m'hux f’ghaqda ta' zwieg u li tali kuncett jinkludi "that biological and social reality prevail over a legal presumption" gie riskontrat biss f’din il-kawza fil-kaz tal-konjugi Mifsud u l-istess minuri, stante li l-attur min-naha l-ohra qatt ma ab ita la mal-konvenuta u lanqas mal-minuri u ghalhekk certament ma jistax wiehed jitkellem ghall:family tie fil-konfront tieghu, izda biss fil-konfront tal-konvenuti Mifsud u l-istess minuri.

“Ghaldaqstant il-kawza kif proposta hija insostenibbli u f kull kaz it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur. “

Rat id-digriet tal-4 ta’ Settembru 2009 li permezz tieghu gie revokat id-digriet tal-4 ta’ Settembru 2008 li permezz tieghu gie nominat Jesmond Vassallo bhala kuratur tal-minuri u minflok inhatru kuraturi deputati ghall-istess skop;

Rat ir-risposta tal-istess kuraturi deputati li permezz taghha iddikjaraw li
ma humiex edotti mil-fatti u ma kienux f’posizzjoni li jressqu risposta formali;

Rat il-verbali tal-kawza;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-attur, il-konvenuti Mifsud u d-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Familja moghtja fil-10 ta' Lulju 2013 li permezz taghha laqghet l-eccezjoni tal-konvenuti Mifsud illi l-minuri Francesco jipposjedi stat ta' iben koppja mizzewga kif kontemplata mill-Artikolu 80 tal-Kap. 16 u liema stat jaqbel mal-att tat-twelid tieghu, iddikjarat allura li ai termini tal-Artikolu 81 l-attur ma jistax jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghti lill-minuri l-att tat twelid u l-pussess ta' stat ta' tifel imwieled minn koppja mizzewwga u ghalhekk cahdet it-talbiet tal-attur; l-ispejjez bla taxxa hlief ghal dawk tal-kuraturi u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li kienu a kariku tal-attur;

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu huwa talab illi din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla d-decizjoni moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-10 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet premessi u/jew tiddeciedi dwar it-talba tal-attur biex isir it-test tad-DNA u dwar it-tieni u tielet eccezjonijiet preliminari tal-intimati Mifsud jew tibghat l-atti lura sabiex il-kawza tigi deciza skont il-ligi, bl ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom;

Rat ir-risposta tal-appellati kuraturi deputati illi irrimettew ruhhom ghall-gudizzju tal-Qorti ghalkemm qalu li jahsbu illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li jkun jaf min hu missieru;

Rat ir-risposta tal-intimati konjugi Mifsud li permezz taghha issottomettew illi l-appell kellu jigi michud u s-sentenza konfermata;

Rat ir risposta tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi permezz taghha ukoll irrespinga t-talbiet kontenuti fir-rikors tal-appellant;

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:
"Mill-kumpless tal-provi imressqa il-Qorti hi tal-fehma illi l-attur ma rnexxielux iressaq provi sufficjenti sabiex jiskossa l-presunzjoni legali mahluqa permezz tal-att tat-twelid tat-tifel. Ghalkemm l-attur ressaq kwantita' enormi ta' provi dokumentarji kif ukoll xhieda sabiex juri li hu missier it-tarbija, il-prova krucjali f'kawzi ta' din ix-xorta ma hiex jekk l-attur hux il-missier naturali tal-minuri izda jekk

il-minuri ghandux il-pussess ta’ stat ta’ iben imwieled fiz-zwieg jew inkella ghandux l-istat ta’ tifel imwieled minn mara mizzewga minn relazzjoni extra-matrimonjali.

“Dawn kellhom ikunu il-provi rilevanti ghal din il-kawza biex tingheleb il-presunzjoni imwaqqfa bl-**Artikolu 67 tal-Kap.16** li jipprovdi illi:-

*“L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu”*.

“Il-laqghat sporadici u qosra li l-attur kellu mat-tifel maghmula bil-mohbi tal-konvenut Stephen Mifsud kollha kellhom l-ombra ta’ inkontri klandestini. Anke l-ftit inkontri li jidher li kien hemm bejn il-minuri u membri tal-familja tal-attur kollha saru fl-isfond ta’ sitwazzjoni fejn dawn sehhew bil-mohbi tal-konvenut Stephen Mifsud.  Huwa veru illi meta t-tifel kellu circa xahrejn il-konvenut Mifsud skopra ghall-ewwel darba bir-relazzjoni li kellhom l-attur u l-konvenuta li u li ghalhekk kien hemm il-possibilta’ li t-tifel kien tal-attur.  Huwa veru wkoll illi f’dak iz-zmien kien hemm ftit okkazzjonijiet fejn l-istess Stephen Mifsud kien prezenti biex l-attur jara lit-tifel u saru ftit inkontri gewwa l-Caritas flimkien ma’ sacerdot.  Pero’ anke hawn, il-mod kif sehhew dawn il-ftit l-inkontri bejn il-minuri u l-attur, fil-presenza tal-konvenut Stephen Mifsud u gewwa l-Caritas, juru illi mill-bidunett il-konvenut Stephen Mifsud assuma rwol tieghu ta’ missier il-minuri konformement mal-att tat-twelid tal-istess minuri.

“Mill-kumpless tal-provi imressqa din il-Qorti hi konvinta li l-minuri jippossjedi stat ta’ tifel imwieled minn koppja mizzewga u mhux stat ta’ tifel imwieled minn mara mizzewga minn relazzjoni extra-matrimonjali u dan konformement mal-Artikolu 80 tal-Kap.16 peress li:-

“(i) gie ppruvat sodisfacentement illi l-konvenut Stephen Mifsud dejjem itratta lill-minuri Francesco bhala ibnu u f’dik il-kwalita’ haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu minn qabel ma’ twieled sallum,

“(ii) gie ppruvat sodisfacentement illi l-minuri Francesco gie maghruf u hekk ghadu maghruf bhala iben il-konvenut Stephen Mifsud mill-familja kollha tal-minuri, sew min-naha tal-familja materna kif ukoll min-naha tal-familja paterna, u

“(iii) gie ppruvat sodisfacentement illi anke terzi persuni li ma humiex membri tal-familja tal-minuri jikkunsidraw lil Francesco bhala iben il-konvenut Stephen Mifsud.

“**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

“1) Tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuti Mifsud illi l-minuri Francesco jippossjedi stat ta’ iben koppja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 80 tal-Kap. 16, liema stat jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

“2) Tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kap.16 l-attur ma jistax, dwar il-minuri Francesco, jitlob stat kuntrarju ghal dak li jatu lill-minuri l-att tat-twelid u l-pussess ta’ stat ta’ tifel imwieled minn koppja mizzewga.

“3) Tichad it-talbiet attrici.

“Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, hlief dawk tal-kuraturi deputati tal-minuri u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandhom ikunu a kariku tal-attur.”

Rat il-verbal tas-seduta tat- 3 ta’ Dicembru 2013 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant korrettement indika l-aggravji tieghu ‘seriatim’ fir-rikors tal-appell u allura l-Qorti se tittratta dawn l-aggravji bl-istess manjiera;

## AGGRAVJI TAL-ATTUR

**L-ewwel aggravju** tal-appellant huwa kif inghad illi huwa qed isostni li skont il-verbal tal-4 ta' Ottubru 2012 – meta l-kawza giet differita ghas-sentenza - ma kienux prezenti l-partjiet kollha ghaliex ma kienux prezenti l-kuraturi tal-minuri. Ghalhekk skont l-appellant is-sentenza eventwalment moghtija hija nulla.

Dan l-aggravju mhux fondat. Kif sewwa irrimarkaw il-konvenuti Mifsud fir-risposta taghhom bejn Ottubru 2012 u d-data tas-sentenza ghaddew disa' xhur; il-kuraturi jew min kellu interess seta' facilment ipprezenta rikors biex jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza izda dan ma sarx. Oltre dan wiehed ma jistax jara li n-nuqqas ta' xi parti qabel il-kawza tithalla ghas-sentenza tista' twassal ghan-nullita` taghha. Jekk fil-verbal tal-4 ta' Ottubru 2012 hemm riferenza ghall-'partijiet' din tirreferi kjarament ghall partijiet li dehru f'dik is-seduta.

**It-tieni aggravju** skont ir-rikors huwa li; *s-sentenza hija nulla ghax l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi limitatament dwar it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Mifsud u minflok iddecidiet it-tieni eccezzjoni b'digriet* ***ad hoc*** *moghti fl-istess seduta li inghatat is-sentenza*.

L-ewwelnett mhux korrett illi jinghad li l-ewwel Qorti iddecidiet it-tieni eccezzjoni permezz tad-digriet gia msemmi. Dak id-digriet cahad talba li kienet saret mill-attur fil-kors tal-kawza biex isir it-test tad-DNA skont l-Artikolu 70A tal-Kap. 16. Il-kawza invece giet deciza wara li l-Qorti ezaminat l-Artikoli 77 *et sequitur* tal-istess Kap. 16.

Una volta l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li t-talba tal-attur kellha tigi respinta a bazi tat-tieni eccezzjoni din il-Qorti ma tarax ghaliex kien hemm ghalfejn ukoll tiddeciedi dwar it-tielet eccezzjoni. Infatti t-tieni eccezzjoni tghid li l-attur ma jistax jitlob ghall-ezamijiet medici ghaliex skont il-konvenuti, ai termini tal-Artikoli 80 u 82 tal-Kap. 16, ma seta' jsir xejn (komprizi l-istess testijiet medici) biex issir prova kontra l-istat ta' legittimita` tal-minuri Francesco

Mifsud. Dan ifisser (independement mill-mertu – li jigi diskuss aktar il-quddiem) illi **mil-lat procedurali** ma kien hemm xejn hazin fis-sentenza appellata.

**It-tielet u r-raba' aggravju** tal-appellant jirrigwardja t-talba tieghu biex isiru t-testijiet medici biex tigi pprovata l-paternita` tal-minuri.

L-ewwelnett huwa jghid li l-Qorti kellha taghtih opportunita` jappella minn dik id-decizjoni (digriet) qabel ma taghti s-sentenza finali. Din il-Qorti ma tifhimx din il-lanjanza. Una volta l-Qorti dehrilha li kellha tichad it-talba tal-attur ghal ragunijiet legali u allura tichad it-talba biex isiru t-testijiet medici hija ma kinitx obligata toqghod tistenna li jsir appell mid-digriet. Anke ghal ragunijiet prattici ma kien hemm ebda gwadann li jsir dan; kien ikun forsi differenti l-kaz kieku l-Qorti laqghet it-talba biex isiru t-testijiet medici ghaliex naturalment revokar ta' digriet simili jista' jkollu imbaghad effett fuq is-sentenza finali apparti trawmi possibbli ghall-istess minuri.

Fit-tieni lok (ir-raba' aggravju) l-appellant jghid illi fil-mertu l-Qorti kellha tilqa' t-talba tieghu biex isiru t-testijiet medici. L-artikolu relattiv jghid hekk;
"70A. (1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali Parentela naturali.tat-tifel -

"(*a*) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;

"(*b*) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel;

"(*ċ*) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u

"(*d*) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.

"(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha

tissostitwixxi lkunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.”

Huwa car illi d-decizjoni dwar jekk il-Qorti kellhiex tilqa’ t talba tal-attur fir-rigward kienet dipendenti fuq jekk l-azzjoni tieghu setghetx timxi ghaliex huwa evidenti li f’kaz ta’ akkoljiment tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, dan l-esercizzju ma kien se jservi ta’ xejn prattiku **fir-rigward tal-kawza.** Ghalhekk il-Qorti se thalli l-argumenti fir-rigward ta’ dan l-aggravju ghall-parti fejn se tiddeciedi l-mertu ghal ragunijiet li jidhru cari f’dak il-lok.

**Il-hames aggravju** huwa l-aktar wiehed ta’ sustanza ghaliex jirrigwardja appuntu l-mertu tad-decizjoni tal-Qorti tal-familja li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konjugi Mifsud fis-sens li skont l-artikoli gia` msemmija tal-Kodici Civili din l-azzjoni ma tistax tigi ezercitata ghaliex it-talba tal-attur hija li huwa jigi dikjarat missier il-minuri u allura kontra l-istat civili tal-minuri bhala iben legittimu tal-konjugi Mifsud u li allura dan l-istat jaqbel ma’ dak indikat fl-att tat-twelid tieghu.

L-attur ghamilha cara permezz ta’ nota prezentata fid-29 ta’ Marzu 2010 li l-kawza tieghu hija msejjsa fuq l-Artikolu 77(b) tal-Kap. 16 u cioe` li huwa kien qed jattakka l-filjazzjoni ta’ tifel imwieled fiz-zwieg billi;
“77(*b*) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista’ wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x’aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel.”

Fir-rikors tal-appell huwa ghamel riferenza ghal tlett sentenzi biex isostni l-appell innifsu u jghid illi mill-provi prodotti ma kellu jkun hemm ebda dubbju li huwa missier il-minuri u allura l-Qorti kellha tilqa’ t-talbiet tieghu.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti meta ddikjarat li *‘ghalkemm l-attur ressaq kwantita` enormi ta’ provi dokumentarji kif ukoll xhieda biex juri li huwa missier it-tarbija, il-prova krucjali f’kawzi ta’ din ix-xorta ma hiex jekk l-attur hux missier naturali tal-minuri izda jekk il-minuri ghandux il-pussess ta’ stat ta’ iben*

*imwieled fiz-ziwieg jew inkella ghandux l-istat ta' tifel imwieled minn mara mizzewwga minn relazzjoni extra-matrimonjali'*.

Ma hemm ebda dubbju li l-ewwel Qorti kienet korretta meta waslet ghall-konkluzjoni li l-minuri jghix mal-konvenuti Mifsud bhala binhom u dan minn meta twieled u li dan l-istat ta' hajja huwa rifless fl-att tat-twelid tieghu. Kif qalet l-istess Qorti '*mill-bidunett il-konvenut Stephen Mifsud assuma r-rwol tieghu ta' missier il-minuri konformomament mal-att tat-twelid tal-istess minuri'.*

L-Artikolu **81** tal-Kodici Civili jaghmilha cara illi;
"**81.** (1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.

"(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."

L-istess Artikolu 77 li fuqu qed jibbaza l-azzjoni tieghu l-attur jibda bil-kliem '*bla hsara ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 81*'; ghalhekk dik l-azzjoni hija sottoposta ghal dak li jghid dan l-ahhar artikolu msemmi. Iz-zewg sentenzi citati mill-ewwel Qorti (**Vella v. Cassar** – 25 ta' Mejju 2007, u **Grima v. Grima** - 19 ta' April 2012) it-tnejn moghtija minn din il-Qorti jikkonfermaw '*illi l-ligi ma tridx li tinbidel sitwazzjoni ta' min tnissel jew twieled matul iz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma dak li jghid l-att ta' twelid tieghu'.*

Sentenzi ohra f'dan is-sens huma **Camilleri v. Fawzy** ( 31 t' Jannar 2003), **Healey v. Farrugia Vella**, (1 ta ' Marzu 2011) u **Travers v. Direttur tar-Registru Pubbliku** (10 ta' Mejju 1996), kollha moghtija mill Prim Awla tal-Qorti Civili. Invece s-sentenzi citati mill-appellant fir-rikors tieghu u cioe **Zammit v. Dadouch** – 6 ta' frar 2003, **Muscat v. Zammit nomine** - 17 ta' Novembru 2003, u **Ellul v. Cutajar nomine** -10 ta' Dicembru 2002, kienu jirrigwardjaw minuri li **ma kienux** qed . jghixu fi stat ta' legittimita` u allura mhux rilevanti ghal din il-kawza.

Fil-fatt anke s-sentenza fl-ismijiet **Scerri Gauci v. Scicluna noe** (Appell 14 ta' Jannar 1952) kienet ghamlitha cara illi;
"*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni.*" (sottlinejar ta' din il-Qorti).

Kollox ma' kollox il-Qorti jidrilha ukoll li dawn id-dispozizzjonijiet huma konformi mal-kumplament tad-dispozizzjonijiet tal-Koici Civili li jolqtu l-minuri fis-sens li kollox huwa intiz **fl-ahjar interess tal-minuri** kif jindika l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili.

Ghalhekk ladarba jirrizulta car li l-minuri Francesco ilu sa minn twelidu jghix fl-istat ta' legittimita` konformi ma' dak indikat fl-att ta' twelid tieghu ma hemmx x'jinghad aktar hlief li s-sentenza appellata hija gusta u ghandha tigi konfermata. Dan ifisser ukoll li l-Qorti kienet gustifikata li tichad it-talba tal-attur biex isiru t-testijiet medici (**ir-raba' aggravju**).

**L-ahhar aggravju** jirrigwardja l-ispejjez tal-kawza. L-attur jargumenta li ma ghandux ihallas spejjez ladarba t-talba tieghu giet respinta fuq kwistjoni legali. Huwa jghid illi mhux tort tieghu li l-ligi tiddisponi li t-tarbija ma gietx registrata f'ismu.

L-Artikolu 223 tal-Kap. 12 ma jispecifikax li l-parti telliefa ma ghandiex tigi ordnata thallas l-ispejjez kollha jekk il-kawza titlifha ghax il-ligi tiddisponi b'xi mod jew iehor izda *meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra nghatat fuq punt legali izda biss jekk jindahlu xi punti specjali ta' ligi.*

Ghandu jinghad li l-ewwel Qorti ordnat lill-attur ihallas l-ispejjez tal-kuraturi u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku *(barra tieghu)* u ghalhekk ma jistax jilmenta ghal kollox minn dan l-aspett. Il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti kienet

pjuttost hanina mieghu li ma ordnatlux ihallas l-ispejjez kollha ghaliex ladarba huwa ipproceda kien qed jiehu s-sogru li jitlef u allura jkun ordnat ihallas l-ispejjez u fuq kollox id-dettami tal-ligi u anke l-gurisprudenza huma cari fir-rigward, sija pure l-punt legali in kwistjoni huwa wiehed akkademikament interessanti.  Ghalhekk anke dan l-aggravju mhux fondat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu; tikkonferma ghalhekk is-sentenza appellata fl-intier taghha; l-ispejjez kollha tal-appell huma a kariku tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------